**Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Lulju 2017 – Fifth Avenue Entertainment vs EUIPO – Commodore Entertainment Corporation (THE COMMODORES)**

**(Kawża T-459/17)**

(2017/C 309/47)

*Lingwa tar-rikors: l–Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fifth Avenue Entertainment LLC (Orlando, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: B. Brandreth, barrister u D. Cañadas Arcas, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Commodore Entertainment Corporation (Saint Paul, Minnesota, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni “THE COMMODORES” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 370 077

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta’ Mejju 2017 fil-Każ R 851/2016-5

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Lulju 2017 – TP vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-464/17)**

(2017/C 309/48)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TP (rappreżentant: W. Limuti, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla u tirtira d-deċiżjoni kkontestata u tannulla l-atti kollha li jirriżultaw minnha kif ukoll l-atti preparatorji, anki dawk mhux magħrufa, filwaqt li tannulla l-effetti kollha li jirriżultaw minnhom fil-konfront tar-rikorrent u li jaffettwaw l-isfera legali u patrimonjali tiegħu; tordna, minn naħa, li l-kwistjoni tiġi ttrattata b’mod li r-rikorrent ikun jista’ jippreżenta l-argumenti tiegħu wara li jkun irċieva l-informazzjoni meħtieġa u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni l-ġdida tittieħed f’osservanza tal-prinċipji ta’ fiduċja, ta’ legalità u ta’ trasparenza;